MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 236/2004

**A B xebba C**
**vs**
**D C nominata b' digriet tas-6 ta' Novembru 2006 bhala kuratrici deputata sabiex tirrappresenta lill-assenti E F G B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici izzewwget lill-konvenut fl-10 ta' Awissu, 1996 u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Peress illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) (c), (d), u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:
Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fl-10 ta' Awissu, 1996, huwa null u bla effett fil-Ligi u dana ai termini ta' dak dispost fl-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt biex jixhed in subizzjoni.

Rat li l-kuratrici deputata debitament ingunta baqghet kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-assenti fl-10 ta' Awissu 1996 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [c] u tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi u taghtiha affidament.

Mill-provi rrizulta li fl-10 ta' Awissu 1996 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' maltija, izzewweg lill-assenti, ta' nazzjonalita' tunezina, wara li kienet ilha tafu biss ftit xhur, u dana sabiex l-assenti jkun jista' jottjeni l-permess biex jibqa' Malta. Minn dan iz-zwieg twieled tifel. Wara ftit snin ta' zwieg l-assenti telaq u abbanduna lill-attrici ghal kollox, tant li ilha zmien twil ma tisma' ahbaru.

Mill-kwadru tal-fatti provati jirrizulta car li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront ta' l-assenti l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat; u dan stante li johrog manifestament li, ghalkemm dana esternament u unikament ghal konvenjenza tieghu ghadda minn ceremonja ta' zwieg, huwa, internament u b' att posittiv tal-volonta' tieghu, eskluda l-obbligazzjonijiet essenzjali matrimonjali, b' mod partikolari dak tal-konvivenza bazata fuq il-F essere reciproku tal-konjugi. L-uniku skop li ghalih l-assenti izzewweg lill-attrici kien purament wiehed ta' konvenjenza u xejn aktar. Dan jinsab manifest mill-mod kif kien jittratta lill-attrici wara z-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fl-10 ta' Awissu 1996. L-ispejjez kollha jkunu ta kariku tal-assenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------